**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-10 ta' Ġunju 2015 – AgriCapital vs UASI – agri.capital (AGRI. CAPITAL)**

**(Kawża T-514/13)** [1]

***(Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja verbali AGRI.CAPITAL — Trade marks Komunitarji verbali preċedenti AgriCapital u AGRICAPITAL — Raġuni relattiva għal rifjut — Assenza ta' xebh tas-servizzi — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009)***

(2015/C 236/47)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* AgriCapital Corp. (New York, l-Istati Uniti) (rappreżentanti: P. Meyer u M. Gramsch, avukati)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: P. Geroulakos, aġent)

*Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali:* agri.capital GmbH (Münster, il-Ġermanja) (rappreżentant: A. Nordemann-Schiffel, avukat)

**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-UASI tal-10 ta' Lulju 2013 (Każ R 2236/2012-2), dwar proċedimenti ta'oppożizzjoni bejn AgriCapital Corp. u agri.capital GmbH.

**Dispożittiv**

1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

2) *AgriCapital Corp. hija kkundannata għall-ispejjeż.*

(1) ĠU C 352, 30.11.2013.

---

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-3 ta' Ġunju 2015 – Giovanni Cosmetics vs UASI – Vasconcelos & Gonçalves (GIOVANNI GALLI)**

**(Kawża T-559/13)** [1]

***("Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja figurattiva GIOVANNI GALLI — Trade mark Komunitarja verbali preċedenti GIOVANNI — Raġuni relattiva għal rifjut — Assenza ta' probabbiltà ta' konfużjoni — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 — Karattru distintiv ta' isem u ta' kunjom")***

(2015/C 236/48)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Giovanni Cosmetics, Inc. (Rancho Dominguez, Californie, l-Istati Uniti) (rappreżentanti: J. van den Berg u M. Meddens-Bakker, avukati)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: M. Rajh, aġent)